MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 25/2004

**Dr Robert Cassar MD**

**Vs**

**Raymond Ellul u The Claims Manager All Care Insurance Agency Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Jannar 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuti jhallsu is-somma ta' Lm239.50 (mitejn u disgha u tletin Lira Maltin u hamsin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistku li sehh nhar it-30 ta' Jannar 2002.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Jiena, Dr Robert Cassar, kont ghaddej minn Triq il-Ghenba nhar it-30 ta' Jannar 2002. It-triq kienet tizloq, u kien hemm karozzi ipparkjati fuq zewg nahat tat-triq.

Ghalkemm jien bil-vettura tieghi KBA 775 kont qed insuq b'attenzjoni massima, minnufih tohrog vettura ohra LCB 649 minn go side-Road, minghajr ma tieqaf ghal go triq principali. Minhabba il-kundizzjoni tat-triq, il-vetturi ma waqfux immedjatament, sehhet il-kollizzjoni. Ghalkemm hija haga ovvja li s-sewwieq tal-vettura LCB 649 ghandu tort, dan ma jridx jammetti u ghalhekk qed nitlob l-ghajnuna tat-Tribunal.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet tal-attur kif diretti kontra l-eccipjenti huma infondatifil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu billi:

a. Primarjament, il-kawza hija nulla stante li m'ghandiex ir-rekwiziti rikjesti mill-ligi, fis-sens illi m'hemmx talba mill-attur ghall-dikjarazzjoni ta' responsabilita', likwidazzjoni u eventwali kundanna ta' hlas ta' danni izda hemm biss talba ghall-ghajnuna mit-Tribunal, liema talba m'hijiex kompitu tat-Tribunal u mhux l-iskop li ghalih gie mfaqqaf;
b. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-*Claims Manager* tas-socjeta` eccipjenti m'ghandux rapprezentanza guridika tal-istess socjeta` u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur;
c. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-mertu, il-*Claims Manager* tas-socjeta` eccipjenti m'huwiex il-legittimu kontradittur u m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur;
d. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi b'nota prezentata seduta stante fit-3 ta' Mejju 2005, l-attur ceda l-atti fil-konfront tal-konvenut Claims Manager ta' Allcare Insurance Agency Limited.

Illi jirrizulta ampjament li l-versjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa quddiem it-Tribunal ma humiex konformi ma dak minnhom espressi lil pulizija nvestigattiv “a tempo vergine”.

Illi jirrizulta li l-art kienet umduza u vettura ghandha tinstaq b’aktar attenzjoni u prudenza biex tintlaqa kwalunkwe eventwalita. Mill-versjonijiet moghtija lil pulizija hemm ammissjoni cara li ghalkemm it-tnejn ippruvaw iwaqqfu l-vetturi, dana ma rnexxilhomx. Jirrizulta mill-iskizz li kien hemm distanza ta’ aktar minn 11 il-metru brake mark, kif ukoll id-distanza immaginarja ta’ hsieb biex wiehed jieqaf. B’ danakollu, l-attur ma waqqafx il-vettura tieghu. Il-konvenut gie minn “blind corner” ma waqafx fid-dawra, “dead stop”, esplora t-triq u hareg. Biex l-attur zamm dak il-break kollu, ta’ bilfors li hasdu lil xulxin. Li kieku l-attur kien miexi bil-mod, ma kienux jahbtu. Li kieku l-konvenut hareg bil-galbu, kien jevita l-kollizjoni, pero` t-tnejn li huma ma kellhomx kontrol fuq il-vetturi taghhom. Ghalhekk ir-responsabbilta ghandha tigi spartita 50:50.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat nofsu.

Jiddeciedi billi jiddikjara lil kontendenti ugwalment responsabbli u jikkundanna lil konvenut ihallas lil attur is-somma ta’ mija u dsatax-il Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm119.75), bl-interessi mid-data tas-sentenza, bil-kap tal-ispejjes sofferti ukoll nofs bin-nofs u l-attur ihallas ukoll il-kap tal-ispejjes tal-Claims Manager – Allcare Insurance Agency Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------